



# PRADO

PUBLIC REGISTER OF AUTHENTIC IDENTITY AND TRAVEL DOCUMENTS ONLINE

REĠISTRU PUBBLIKU TA' DOKUMENTI AWTENTIĊI TA' L-IDENTITÀ U TA' L-IVVJAĠĠAR ONLINE

## FAQ

# Mistoqsijiet Frekwenti Analiżi tad-dokument

- > **Min juża dokumenti ffalsifikati / kontraffatti?**
- > **Għaliex jintużaw dokumenti ffalsifikati / kontraffatti?**
- > **Liem huma uħud mill-metodi tipiċi ta' ffalsifikar tad-dokumenti?**
- > **Liema karatteristiċi għandi neżamina l-ewwel?**
- > **X'tagħmir speċjali neħtieġ?**
- > **KIF GĦANDI NEŻAMINA DOKUMENT?**
- > **X'tifhmhu eżatt bi "Meta tiċċekkja karatteristiċi ta' sigurtà fid-dokumenti: #OSS, #ARES, XENGEL"?**
- > **X'għandi nagħmel jekk naħseb li dokument jista' ma jkunx ġenwin?**
- > **Naħseb li hemm karatteristika ta' sigurtà nieqsa fid-deskrizzjoni ta' dokument fid-database?**

[↑ Fuq](#)

## ***Analiżi tad-dokument***

### ***Min juża dokumenti ffalsifikati / kontraffatti?***

Kriminali, immigranti/refuġjati potenzjali, terroristi, ...

### ***Għaliex jintużaw dokumenti ffalsifikati / kontraffatti?***

- ▶ biex tinħeba l-identità ta' individwu
- ▶ biex tinkiseb identità oħra
- ▶ biex tinħeba storja ta' immigrazzjoni jew ta' vjaġġar negattiva
- ▶ biex jittieħed benefiċċju mill-istatus tad-detentur ta' qabel
- ▶ biex tiġi evitata ħtieġa ta' visa
- ▶ biex tiġi evitata awtorità emittenti, ...


### ***Liem huma uħud mill-metodi tipiċi ta' ffalsifikar tad-dokumenti?***

- ▶ Il-kontraffazzjoni - ir-riproduzzjoni totali ta' dokument
- ▶ Is-sostituzzjoni tar-ritratt/ ta' l-immaġni
- ▶ Is-sostituzzjoni tal-paġna - dan jista' jinkludi l-użu ta' paġni kontraffatti
- ▶ L-alterazzjoni ta' dettalji personali (falsifikazzjoni)
- ▶ L-alterazzjoni u l-kontraffazzjoni ta' timbri jew visi
- ▶ Id-dokumenti vojta misruqa miksuba b'ingann, ...

 **Fuq**

## **X'karatteristiċi għandi neżamina l-ewwel?**

L-ewwel ikkontrolla l-impersonazzjoni - qabel bir-reqqa l-immaġni mad-detentur.



Ikkontrolla wkoll l-età (data tat-twelid), it-tul u l-firma.

Ukoll: id-data ta' skadenza tad-dokument.

Uħud mill-karatteristiċi ta' sigurtà l-aktar importanti tad-dokumenti, bħall-marki ta' l-ilma, il-ħjut tas-sigurtà, l-integrità tal-paġna u tar-ritratt, l-istampar b'intall (motifi ta' guilloches / linji fini) u l-istrumenti ottikament varjabbli jistgħu jkunu vverifikti, jekk inti taf kif dawn suppost jidhru: **"Meta tiċċekkja karatteristiċi ta' sigurtà fid-dokumenti:**

**➔ ĦOSS, ĦARES, XENGEL!"**

**F'każ ta' dubju, irreferi għall-punt ta' kuntatt ta' pajjiżek:** Għal gwida professjonali dwar id-dokumenti ta' sigurtà (dokumenti ta' identità u vjaġġar), tkun xi tkun l-oriġini, ikkuntattja

**➔ Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tiegħek**

## **X'tagħmir speċjali neħtieġ?**

Għal ispezzjoni inizjali m'hu meħtieġ ebda tagħmir speċjali. Biex tivverifika marka ta' l-ilma, jew regjistru *see-through*, żomm id-dokument kontra sors ta' dawl. Ivverifika l-mikro u l-ministampa b'lenti ta' l-arluġġara.

Ivverifika l-karatteristiċi UV jekk ikollok lampa UV disponibbli.

**↑ Fuq**

## KIF GĦANDI NEŻAMINA DOKUMENT? —

### ***X'tifhmu eżatt bi " Meta tiċċekkja karatteristiċi ta' sigurtà fid-dokumenti: ĦOSS, ĦARES, XENGEL "?***

Meta teżamina dokument huwa importanti li tkun taf kif għandu jidher id-dokument. PRADO jipprovdi immaġnijiet tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u tal-identità l-aktar użati komunement u deskrizzjoni ta' karatteristiċi tekniċi użati. Il-karatteristiċi tekniċi jinkludu l-marki tal-ilma, ir-reazzjoni UV, l-elementi ottikament varjabbli, il-linka ottikament varjabbli u xi tekniki tal-istampar.

Dawn l-elementi ta' sigurtà jistgħu jiġu vverifikati b'mod relattivament faċli — '**ĦOSS, OSSERVA, XENGEL**':

- ▶ ➡ Dejjem iċċekkja l-personifikazzjoni: qabbel b'attenzjoni r-ritratt fid-dokument mad-dehra tad-detentur. Barra minn dan, ivverifika l-età, it-tul u l-firma.
- ▶ Id-dokument huwa validu għall-iskop li għalih jintuża? Skada?
- ▶ Jekk huwa possibbli, ivverifika l-validità tan-numru tad-dokument: pereżempju hawn: ➡
- ▶ Osserva s-sinjali ta' tibdil fid-dokument.
- ▶ Eżamina l-marka tal-ilma u r-reġistru simultanju: żomm il-paġna tad-dokument fid-dawl ( ➡ "dawl trasmess").
- ▶ ➡ Permezz tal-istampar speċjali l-linka tinħass imqabbża jew eñxen. Biex tħoss l-istampar b'intall imqabbeż, mexxi subgħajk fuqu jew igirfu bil-mod b'difrejk.
- ▶ ➡ Inċiżjoni (tattili) mqabbża bil-laser (fuq dokument f'forma ta' kard, jew fuq kard tal-bijodata integrata f'dokument forma ta' ktejjeb).
- ▶ ➡ Ivverifika l-mikro stampa, il-ministampa kif ➡ ukoll l-integrazzjoni tar-ritratt bl-użu ta' lenti.
- ▶ ➡ Ivverifika l-karatteristiċi UV jekk għandek dawl UV disponibbli.
- ▶ Iċċekkja l-elementi ottikament varjabbli u l-linka ottikament varjabbli: xengel id-dokument sabiex tarah f'angolu oblikwu jew taħt dawl oblikwu.:
- ▶ ➡ Immaġni latenti
- ▶ ➡ Dawl oblikwu
- ▶ ➡ OVD (Element Ottikament Varjabbli)
- ▶ ➡ OVI (Linka Ottikament Varjabbli)
- ▶ ➡ Effett ta' xaqlib
- ▶ ➡ Immaġni bil-laser varjabbli

↑ Fuq

Id-dokumenti ta' sigurtà huma ddisinjati per definizzjoni biex ikunu l-aktar siguri possibbli u jinkorporaw karatteristiċi li jipprevjenu l-ikkuppjar jew l-alterazzjoni illegali tad-dokument. Dokumenti ta' l-identità jistgħu jinkorporaw diversi karatteristiċi ta' sigurtà - dawk l-aktar importanti fosthom huma deskritti f'din id-database. Meta teżamina kwalunkwe dokument hu importanti **li l-ewwel tevalwa l-karatteristiċi ta' sigurtà li jinsabu fih**. Minħabba l-varjetà enormi ta' dokumenti fl-użu, il-verifika ta', per eżempju, dokument barrani, tista' tkun kemmxejn ikkumplikata.

Il-kulur tar-riproduzzjoni jista' ma jikkorrispondix eżattament ma' dak ta' l-oriġinal - is-sejbien ta' frodi ta' dokument ma jistax ikun ibbażat fuq it-tqabbil tal-kulur biss.

Gwida ulterjuri dwar l-aspetti ta' abbuż ta' dokument ta' l-identità u l-ivjaġġar tista' tinkiseb mill-punt ta' kuntatt nazzjonali tiegħek. F'każ ta' dubju, irreferi għall-punt ta' kuntatt ta' pajjiżek

[➔ Dokumenti ta' l-Identità u l-Ivjaġġar - Punti ta' Kuntatt Nazzjonali](#)

### ***X'għandi nagħmel jekk naħseb li dokument jista' ma jkunx ġenwin?***

Ikkonsulta l-manigier/l-uffiċjal ta' sigurtà tiegħek. Għal gwida professjonali dwar id-dokumenti ta' sigurtà (dokumenti ta' identità u vjaġġar), tkun xi tkun l-oriġini, ikkuntattja

[➔ Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tiegħek](#)

Jekk urġenti, aħseb li ċċempel lill-pulizija.

### ***Naħseb li hemm karatteristika ta' sigurtà nieqsa fid-deskrizzjoni ta' dokument fid-database?***

Il-karatteristiċi ta' sigurtà meqjusa bħala l-aktar importanti biss huma deskritti. Id-dokumenti ta' sigurtà huma ddisinjati per definizzjoni biex ikunu l-aktar siguri possibbli u jinkorporaw bosta karatteristiċi li jipprevjenu l-ikkuppjar jew l-alterazzjoni illegali tad-dokument. Dokumenti ta' l-identità jistgħu jinkorporaw bosta karatteristiċi ta' sigurtà; xi wħud minnhom biss huma deskritti f'din id-database.

[↑ Fuq](#)

> [PRADO paġna tal-bidu](#) [↗](#)

NOTA ĠURIDIKA IMPORTANTI - L-informazzjoni fuq dan is-sit hija soġġett għal **avviż ta' każda ta' responsabbiltà u termini ta' kondotta** u **avviż tad-dritt ta' l-awtur**.